



Assenjazzjoni tal-50 Premju Theodor Heuss lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tifraħ bl-assenjazzjoni lilha, flimkien mal-President tagħha Vassilios Skouris, tal-50 Premju Theodor Heuss.

Il-President Skouris, flimkien mal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ser jirċievi l-premju tal-Fondazzjoni Ġermaniża Theodor Heuss is-Sibt, 16 ta' Mejju 2015, fi Stuttgart (il-Ġermanja), fil-preżenza tal-President tar-Repubblika Joachim Gauck¹.

F'din is-sena ġblew, il-premju għandu t-tema "L-Ewropa: il-futur ta' tama", li l-Fondazzjoni Theodor Heuss għażlet fid-dawl tal-isfidi kunsiderevoli li qed tiffaċċja l-Unjoni Ewropea u tar-riżervi li numru tajjeb ta' ċittadini għandhom fir-rigward tal-ħidma tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Skont il-Fondazzjoni Theodor Heuss, it-tama tirrigwarda b'mod partikolari t-tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej li huma, taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ta' natura obbligatorja għall-istituzzjonijiet Ewropej kollha. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija l-gwardjan ta' dawn id-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji li jirregolaw l-istat tad-dritt. Il-Fondazzjoni tqis li l-Qorti tal-Ġustizzja tgawdi minn fiduċja kbira u ssaħħaħ, permezz tal-ġurisprudenza tagħha, id-drittijiet fundamentali fl-età tad-diġitalizzazzjoni u tal-globalizzazzjoni, kif jidher mis-sentenzi tagħha fl-2014 fir-rigward tad-dritt li tintesa² u taż-żamma ta' data mhux ġustifikata³.

Il-Fondazzjoni Theodor Heuss konsegwentement assenjat il-50 Premju Theodor Heuss lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea flimkien mal-President tagħha Vassilios Skouris, bħala rikonoxximent tal-ħidma tagħha sabiex tippromwovi d-drittijiet taċ-ċittadini Ewropej bħala l-gwardjan tal-unità ġuridika u tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea.

Il-Fondazzjoni Theodor Heuss, politikament indipendenti, hija msemmija wara l-ewwel President tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li żamm din il-kariga mill-1949 sal-1959. Din il-Fondazzjoni inħolqot fl-1964, wara l-mewt ta' dan tal-aħħar, minn Hildegard Hamm-Brücher, minn ibnu Ernst Ludwig Heuss, u minn ċirku ta' ħbieb sabiex tippremja, fil-memorja tal-persuna u tal-ħidma politika ta' Theodor Heuss, eżempji ta' impenn soċjali, ta' kuraġġ ċiviku u ta' ħidma sabiex tissaħħaħ id-demokrazija. Il-Fondazzjoni b'dan il-mod hija biħsiebha "tiffoka fuq xi ħaġa li għandha ssir u tiġi organizzata fid-demokrazija tagħna, li sa dak il-mument ma tkunx intlaħqet" (Carl Friedrich v. Weizsäcker, fl-okkażjoni tal-ġoti tal-ewwel Premju Theodor Heuss fl-1965). Kull sena, mill-1965, il-Premju Theodor Heuss jingħata lil individwi jew organizzazzjonijiet li jaħdmu biċ-ċar f'din id-direzzjoni.

¹ Għal iktar dettalji dwar l-avveniment, ara <http://www.theodor-heuss-stiftung.de/theodor-heuss-preis/>.

² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Mejju 2014, *Google Spain u Google* (C-131/12), ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa [Nru 70/14](#).

³ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' April 2014, *Digital Rights Ireland u Seitlinger et* (C-293/12 u C-594/12), ara wkoll l-Istqarrija għall-istampa [Nru 54/14](#).

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355